MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2011

Numru. 819/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Carmel Farrugia**

**Kumpilazzjoni Nru: 819/2011**

**Illum, 18 ta’ Lulju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmel Farrugia, ta’ 65 sena, bin Joseph u Mary nee Zarb imwieled Rahal il-Gdid f’l-4 ta’ Lulju 1946 u residenti 21 Pjazza Patri

Redent Gauci Fgura detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 577546M.

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe gewwa l-Fgura nhar is-16 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tas-7.00am u diversi xhur qabel gewwa Pjazza Redent Gauci fil-fond numru 21, b’kull mod li jkun dolozament ta lil martu Anna Farrugia sustanzi velenuzi jew li jaghmlu l-hsara jew li jistghu jkunu ta’ deni jew hsara ghas-sahha.

Rat l-artikoli 18 u 244 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra il-pozizjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi li fihom sehhew ir-reati in ezami; min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 244 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u

tikundannah tmintax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin. In oltre l-Qorti, biex tipprotegi lil Anna Farrugia u ghas-sigurta ta'l-istess Anna Farrugia kif ukoll ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku, qed tohrog ordni ta' protezzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin kontra l-imputat Carmel Farrugia bil-kundizzjonijiet kollha elenkati f'l-artikolu 421C(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bil-kundizzjoni ukoll li immdjatament l-imputat jallontana ruhu u jivvaka mid-dar matrimonjali u cioe 21 Pjazza Patri Redent Gauci Fgura.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------